# META KIEN ID-DILLUVJU?

Jekk irridu nqassmu l-ġrajja tad-dinja waħda wara l-oħra fil-mixja tas-snin, aktar ma mmorru l-ura biex inqiegħdu fis-sena li tmisshom l-ewwel u l-eqdem ġrajja aktar inħossuna minn ħawn u minn hemm imfixklin u ma nistgħux nimxu. Kemm il-sena ilu li nħalaq il-bniedem? Kemm il-sena ilu li għerqet id-dinja bid-dilluvju? Għal dawn u għal mistoqsijiet oħra l-għerf tal-bniedem jibqa sieket. Iżda xi drabi l-bniedem jasal biex jaqbad xi tarf, jasal biex jara xi xaqq dawl li jurih għall-inqas it-triq li miexi fiha.

Kien ilhom jafu l-għorrief li d-dilluvju eqdem minn elfejn sena qabel Kristu. Iżda kemm il-mitt sena fuq l-elfejn ma setgħux igħiduh sewwa; provi biż-żejjed ma kellhomx. Prova qawwija sabuha m'ilux. Xi sentejn jew tlieta ilu S. Langdon, Professur f'Oxford kien qiegħed imexxi xi taħfir fil-belt qadima ta' Kish, fil-Mesopotamja. Aktar ma kien iħaffer l-isfel, aktar kien isib fuħħar, għadam, żnied u ħwejjeġ oħra li juru d-drawwiet ta' dik il-belt jitbiddlu ma' tul is-snin. Imma f'daqqa bla ħsieb ta' xejn isib saff mogħla pied u nofs kollu ramel irqiq, irqiq tax-xmajjar, u bebbux u fdal ta' ħut tax-xmajjar. Baqa' jħaffer l-isfel minn dan is-saff u reġa' beda jsib fdalijiet oħra tal-ħedma tal-bniedem.

Mela dak is-saff ramel jaqsam fi tnejn l-istorja ta' dik il-belt. Qablu kienet il-belt imgħammra, u warajh kienet ukoll il-belt imgħammra. Iżda xi jfisser dak is-saff? Il-Professur Langdon ma jdumx jaħsibha wisq. Dak is-saff kollu ramel u bebbux juri li fi żmien qadim il-belt kienet imgħarrqa kollha bl-ilma, u l-istorja ma ssemmi l-ebda għarqa hekk kbira ħlief il-għarqa tad-dilluvju. Mela dak is-saff ramel huwa prova tad-dilluvju. Mhux dan biss, iżda wara li qagħad jifli bir-reqqa kull ma sab f'dak it-taħfir fuq is-saff u taħtu, il-Prof. Langdon deherlu li d-dilluvju ġara xi 3300 sena qabel Kristu.

F'dan il-bogħod kollu ta' żmien, mija jew mitejn sena l'hawn u l'hemm hi ħaġa żgħira, u għalhekk jekk inżidu xi ħaġa ma' 3,300 nistgħu ngħidu li d-dilluvju kien madwar 4000 sena q. K. Xi għorrief iridu jibqgħu jżidu ma' dawn l-4000 sena, għaliex, igħidu, dak iż-żmien, skond ma nafu mill-kitba fuq il-fuħħar u minn fdalijiet oħra qodma, id-dinja kien ilha li twieldet mill-ġdid u trawwmet bin-nies.

Hu xinhu jekk ma nistgħux naslu biex nagħirfu bir-reqqa f'liema sena jew f'liema ħabta sar id-dilluvju, nistgħu għall-inqas ingħidu l-ewwelnett li d-dilluvju sar żgur għax għandna x-xhieda tal-kelma tal-Iskrittura u x-xhieda tat-taħfir, u t-tieni li d-dilluvju sar għall-inqas madwar erbat elef sena qabel Kristu.

S.